

Brussell, 29 ta' April 2019
(OR. en)

8884/19

PUBLIC 57
INF 122

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - DIĊEMBRU
2018

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2018^{2,3}

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-risultati tal-votazzjoni u, fejn xieraq, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

³ Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'DIĊEMBRU 2018

It-3658 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) li saret Brussell fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2018

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Regolament dwar il-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika (BEREC)</i> Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jstabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1–35	51/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mill-Finlandja

Il-Finlandja tilqa' l-qbil milħuq bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar id-Direttiva li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u r-Regolament Berec. Il-Finlandja tappoġġa totalment il-promozzjoni tas-Suq Uniku Diġitali li hu element essenzjali tal-kompetittività tal-UE. Għall-Finlandja, l-għan ewlieni fid-diskussjonijiet kien ir-rilassament u l-aġġornament tar-regolament attwalment strinġenti dwar is-servizzi ta' telekomunikazzjoni. Il-Finlandja hija favur ħafna l-oġġettivi ewlenin tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u l-aġenda ta' regolamentazzjoni aħjar, jiġifieri l-għan li jkun żgurat li l-leġislazzjoni tal-UE twassal riżultati għaċ-ċittadini u n-negozji b'mod effettiv, effiċjenti u bi spejjeż minimi. Jiddispjaċina ninnotaw li r-regolamentazzjoni ta' prezzijiet għal Telefonati Intra-UE hija f'kunflitt ma' dawn l-oġġettivi ġenerali, kif ukoll mal-oġġettivi ta' modernizzazzjoni u investiment tal-qafas regolatorju. L-ewwel, ir-regolamentazzjoni ta' prezzijiet ma tirriflettix approċċ regolatorju b'reżistenza għall-futur, partikolarment peress li r-regolamentazzjoni tiġi applikata fuq servizzi li l-użu tagħhom fost il-konsumaturi qiegħed jonqos ġeneralment. It-tieni, din it-tip ta' regolamentazzjoni ta' prezzijiet mhix ġustifikata fis-suq fejn il-konsumaturi huma provduti b'varjetà ta' alternattivi. Il-provediment ta' telefonati u SMS intra-UE tradizzjonali hu kompetittiv f'ħafna Stati Membri. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numru hija dejjem aktar popolari fost il-konsumaturi, anke f'komunikazzjoni transkonfinali. Ir-regolamentazzjoni ta' prezzijiet timponi bidliet sinifikanti tekniċi, kummerċjali u amministrattivi għall-fornituri ta' servizzi mingħajr benefiċċju muri b'mod ċara għall-konsumatur fuq skala wiesa'. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Finlandja tesprimi d-diżappunt tagħha dwar il-qbil li tiġi inkluża regolamentazzjoni ta' prezzijiet ta' telefonati intra-UE fil-kompromess finali.

<i>Direttiva dwar il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet</i> Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-kodiċi Ewropew għall-komunikazzjonijiet Elettroniċi (Riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36–214	52/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
<i>Direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika</i> Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210–230	54/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Kontra: BE, CZ Astensjonijiet: HR, SK
Dikjarazzjoni mill-Belġju Għalkemm ivvota kontra, il-Belġju jibqa' promotur qawwi ta' politika għall-klima u l-enerġija sostenibbli kif stipulat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2014 u kif hemm fil-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, il-Belġju jaderixxi bis-sħiħ mal-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika. L-għan ambizzjuż tal-proposta ppreżentata, b'mod aktar speċifiku l-Artikolu 7, madankollu, jippreżenta lill-Belġju sfida insormontabbli biex dan jinkiseb b'mod kosteffiċjenti. Minkejja dan, il-Belġju ser jibqa' jikkontribwixxi b'mod kostruttiv għall-għan Ewropew tal-effiċjenza enerġetika.			
Dikjarazzjoni mill-Kroazja Ir-Repubblika tal-Kroazja tesprimi t-tħassib tagħha dwar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 u l-valuri tat-tfaddil annwali attwali fil-konsum totali tal-enerġija, fejn il-mira hi ffissata għal 0.8 %. Ir-Repubblika tal-Kroazja tista', skont il-pożizzjonijiet tagħha espressi qabel taqbel li tappoġġa soluzzjoni ta' compromess b'massimu ta' 0.7 %. Għalkemm l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-effiċjenza enerġetika fis-setturi kollha ser tikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija fl-UE, il-valur tat-tfaddil annwali attwali ta' 0.8 % fil-konsum totali tal-enerġija mhuwiex ekonomikament vijabbli u jista' jkollu impatt ekonomiku negattiv sinifikanti fuq ir-Repubblika tal-Kroazja. Għalhekk, ir-Repubblika tal-Kroazja ser tastjeni meta jiġi adottat it-test ta' compromess finali dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/27/UE.			

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Għalkemm ir-Repubblika Ċeka vvutat kontra dan ma jżommhiex milli tibqa' għal kollox impenjata għall-prinċipji tal-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni u l-politika dwar l-enerġija sostenibbli. Minkejja dan, fil-fehma tagħna, l-obbligu ambizzjuż fir-reviżjoni tal-Artikolu 7 jippreżenta sfida kbira għar-Repubblika Ċeka. L-obbligu rivedut ser jeħtieġ bidla fundamentali fil-qafas tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika u eventwalment jista' jkun impossibbli li dan jintlaħaq b'mod kosteffiċjenti.

Ir-Repubblika Ċeka tibqa' impenjata għall-implimentazzjoni ta' politiki dwar l-effiċjenza enerġetika li jkollhom suċċess u ser tagħmel ħilitha biex tikkontribwixxi lejn l-għan tal-Unjoni rigward l-effiċjenza enerġetika.

Dikjarazzjoni mill-Portugall

Minkejja l-impenn qawwi tiegħu għall-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika qabel kollox, il-Portugall jafferma mill-ġdid it-tħassib li ntwerfa fi stadji preċedenti tan-negozjati rigward il-livell estremament għoli ta' sforz assoċjat mal-Artikolu 7 tad-Direttiva.

Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija

Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1–77

55/18

Maġġoranza
kwalifikata

L-Istati Membri kollha
favur

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-metan - Artikolu 16

Il-Kummissjoni tinnota l-qbil tal-koleġislaturi dwar l-Artikolu 16 li skontu jenħtieġ li jiġi ppreżentat pjan strateġiku għall-metan.

Il-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha biex tanalizza l-emissjonijiet tal-metan, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istrateġija fit-tul tal-Unjoni.

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li hija tirriżerva d-dritt li twieġeb skont ir-regoli tat-Trattat, b'mod partikolari b'kont dovut għad-dritt ta' inizjattiva tagħha.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 44

Ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija huwa ċentrali għal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi l-proċess li jiżgura l-ambizzjoni u l-koerenza tal-politiki u l-miżuri li jittieħdu f'diversi livelli biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, il-miri tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030.

Fid-dikjarazzjoni Konġunta tagħhom dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-perijodu 2018 - 2019, it-tliet Istituzzjonijiet impenjaw ruħhom li jiksbu l-għan ta' Unjoni tal-Enerġija ambizzjuża permezz ta' politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tal-qafas tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030, u bl-inseguwiment tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz ta' leġislazzjoni dwar enerġija nadifa għall-Ewropej kollha.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnotta l-qbil bejn il-koleġislaturi dwar l-Artikolu 44 li jipprevedi li, fl-implimentazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn żewġ kumitati.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-koleġislaturi ma setgħux jaċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni li l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni għandu jkun taħt il-kontroll ta' kumitat wieħed, f'konformità sħiħa mar-regoli ta' komitoloġija applikabbli stipulati fir-Regolament 182/2011⁽¹⁾ u bil-għan tas-simplifikazzjoni u tar-Regolamentazzjoni Aħjar.

Il-Kummissjoni ttenni l-importanza ta' diviżjoni ċara tal-kompetenzi bejn il-kumitati, li hija essenzjali għall-eżerċizzju xieraq tas-setgħat ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni u għall-applikazzjoni tar-Regolament 182/2011 li jistabbilixxi regoli orizzontali applikabbli għall-kumitati.

⁽¹⁾Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

<i>Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli</i> Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82–209	48/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Kontra: CZ Astensjonijiet: BE, HU, SK
--	-------	------------------------	--

Dikjarazzjoni mill-Belġju

L-astensjoni ma żżommx il-Belġju milli jkun promotur qawwi favur politika sostenibbli tal-enerġija u tal-klima kif stipulat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2014 u li jinsabu fil-Ftehim ta' Pariġi.

L-għan ambizzjuż stabbilit fil-proposta ppreżentata, huwa madankollu sfida reali għall-Belġju biex jinkiseb b'mod kosteffiċjenti.

Minkejja din l-isfida, il-Belġju ser ikompli jipprovdi kontributi kostruttivi sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tixtieq tikkummenta kif ġej dwar l-Artikolu 2(14) u (15), l-Artikolu 21 u l-premessi 66 sa 69 fil-verżjoni li tinsab fit-test ta' kompromess finali attwali (PE-CONS 48/18):

Il-Gvern Federali jaqbel li t-test ta' kompromess finali (PE-CONS 48/18) tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) bil-fehim li l-eżenzjoni mit-tariffi u l-imposti previsti fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 21(2) japplikaw biss fil-prinċipju għall-awtokonsum individwali, sakemm l-Istati Membri ma jipprevedux xort'oħra; u li l-premessa 69 hija maħsuba biex tagħmilha ċara li l-punt (a) tal-Artikolu 21(3) ikopri kemm il-possibbiltà li jiġu imposti miżati kif ukoll ħlasijiet jekk l-appoġġ jingħata simultanjament permezz ta' skema ta' appoġġ u l-possibbiltà li jiġu applikati eżenzjonijiet parzjali biss, dment li r-riżultat huwa l-istess: il-vijabbiltà ekonomika ta' dawn il-proġetti hija żgurata.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Il-vot kontra l-kompromess finali dwar id-Direttiva ma jfissirx li r-Repubblika Ċeka ser tieqaf tippromwovi l-politika tal-enerġija sostenibbli u l-protezzjoni tal-klima kif stipulat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2014 u kif maqbul fil-Ftehim ta' Pariġi. Ir-Repubblika Ċeka għandha l-għan li tissokta bl-iżvilupp u l-promozzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli biex tiżgura r-rwol dejjem akbar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija.

Ir-Repubblika Ċeka ser tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għall-kisba tal-mira globali tal-UE kif ukoll il-miri settorjali individwali. Dawn il-kontributi ser jingħataw b'mod kosteffiċjenti, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi kif ukoll il-possibbiltajiet ekonomiċi tar-Repubblika Ċeka. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jittieħed kont tal-fondi li diġà ntefqu biex jappoġġaw sorsi tal-enerġija rinnovabbli

Ir-Repubblika Ċeka taġixxi b'mod ferm responsabbli u konsistenti fl-ilħuq tal-mira għall-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2020. Proprju l-istess approċċ ser ikun segwit fil-perijodu mill-2021 sal-2030. Dan huwa muri mill-fatt li l-mira vinkolanti għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għas-sena 2020 meħtieġa mil-leġislazzjoni Ewropea ntlaħqet mir-Repubblika Ċeka 7 snin qabel.

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Ir-Repubblika tal-Kroazja ser tappoġġa l-adozzjoni iżda tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-livell ta' mill-inqas 14 % tal-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport sal-2030, kif diġà ddikjarat f'diskussjonijiet fi ħdan il-Kunsill.

Minkejja li hemm bżonn li jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni u li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-konsum tal-enerġija sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, jiddispjaċina li l-livell ta' ambizzjoni msemmi hawn fuq għie definit mingħajr ma tqiesu l-istat tal-ekonomija u l-livelli differenti ta' żvilupp teknoloġiku fl-Istati Membri.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tinnota li ż-żewġ Kollegislaturi qablu dwar Artikolu 4 b'kontenut li jmur lil hinn mill-prinċipji ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 767 final. Filwaqt li tappoġġa bis-sħiħ l-għanijiet tad-Direttiva, il-Kummissjoni jidhrilha li dawn jistgħu jintlaħqu mingħajr il-kelmiet maqbula tal-paragrafi 3 (it-tielet subparagrafu), 4 (it-tieni u t-tielet subparagrafi), 5 u 6 tal-Artikolu 4, kif uriet id-Direttiva 2009/28/KE applikabbli bħalissa.

<i>Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni: NEK Plus</i> Direttiva (UE) 2019/1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta'Diċembru 2018 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu inforzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 11, 14.1.2019, p. 3–33	42/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
--	-------	------------------------	------------------------------

Dikjarazzjoni mid-Danimarka

Id-Danimarka tappoġġa l-proposta u l-għan ġenerali li tingħata s-setgħa lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali. Regoli tal-kompetizzjoni effettivi huma kruċjali fl-iżgurar ta' Suq Uniku li jiffunzjona sew u t-tkabbir peress li l-kompetizzjoni thegħeġ l-innovazzjoni, l-effiċjenza u tiggerantixxi l-aħjar għażla lill-konsumatur.

Madankollu, id-Danimarka tqis li, bħala punt ta' prinċipju, l-għażla tal-liġi proċedurali applikabbli għandha tibqa' f'idejn l-Istati Membri, li b'hekk ikunu jistgħu jiżguraw li l-proċedimenti jkunu konformi mar-regoli u t-tradizzjonijiet legali tagħhom. Għalhekk, id-Danimarka jiddispjaċiha ferm dwar il-formulazzjoni tal-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva.

Għalkemm din ma tbiddilx il-pożizzjoni tad-Danimarka dwar din il-kwistjoni, id-Danimarka tilqa' r-referenzi fl-Artikolu 3 u l-premessi 14 u 42 ta' din id-Direttiva, għall-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dawn ir-referenzi jagħmluha ċara li dawk ir-regoli japplikaw fil-proċedimenti kollha dwar ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, inkluż il-proċedimenti ġudizzjarji mhux kriminali.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tieħu nota tat-test tal-Artikolu 11 dwar miżuri interim li sar bi qbil bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-miżuri interim jistgħu jkunu għodda ewlenija għall-awtoritajiet tal-kompetizzjoni biex jiġi żgurat li l-kompetizzjoni ma tiġix ippreġudikata filwaqt li tkun għaddejja investigazzjoni.

Bil-ħsieb li jippermetti lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni li jitrattaw b'mod aktar effettiv l-iżviluppi fi swieq li jinbidlu malajr, il-Kummissjoni timpenja ruħha li hija ser twettaq analiżi ta' jekk hemmx mezz biex tissimplifika l-adozzjoni ta' miżuri interim fin-*Network Ewropew għall-Kompetizzjoni* fi żmien sentejn mid-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-riżultati ta' dan ser jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Konklużjonijiet dwar Broadband fl-Istati Membri tal-UE (RS Nru 12/2018 tal-QEA)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2018 intitolat "Broadband fl-Istati Membri tal-UE: minkejja l-progress li sar, mhumix ser jintlaħqu l-miri kollha ta' Ewropa 2020"	14395/18
<i>Konklużjonijiet dwar il-Mobbiltà taħt Erasmus+ (RS Nru 22/2018 tal-QEA)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2018 "Mobilità taħt Erasmus+: Miljuni ta' parteċipanti u Valur Miżjud Ewropew multidimensjonali, iżda jeħtieġ li jsir aktar titjib fil-kejl tal-prestazzjoni"	14077/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE waqt il-MOP 7 fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Anness 3 għall-Ftehim dwar l-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (AEWA)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-7 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Anness 3 għall-Ftehim	14175/18

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-emenda għall-Protokoll 3 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju mal-Ġordan li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva</i> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/41 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra, rigward emenda għall-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva ĠU L 9, 11.1.2019, p. 114–146		10147/1/18 REV 1	
<i>Missjoni EUMM Georgia - estensjoni - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1884 tat-3 ta' Diċembru 2018 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia ĠU L 308, 4.12.2018, p. 41–42		12776/18	
<i>Konklużjonijiet dwar trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Trasport bin-Navigazzjoni Interna – naraw il-potenzjal tiegħu u nippromwovuh!		15144/18	
It-3659 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret Brussell fl-4 ta' Diċembru 2018			
ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>"Soluzzjoni ta' malajr" dwar il-VAT</i> <i>a) Direttiva dwar l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tal-VAT għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri</i> Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1910 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri ĠU L 311, 7.12.2018, p. 3–7	12848/1/18 REV 1	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur

<i>"Soluzzjoni ta' malajr" dwar il-VAT</i> <i>b) Regolament dwar l-iskambju ta' informazzjoni għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-arranġamenti dwar l-istokk f'kunsinna kuntrattat</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1909 tal-4 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni għall-fini ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-arranġamenti dwar l-istokk f'kunsinna kuntrattat ĠU L 311, 7.12.2018, p. 1–2	12850/18	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
<i>"Soluzzjoni ta' malajr" dwar il-VAT</i> <i>c) Regolament dwar ċerti eżenzjonijiet għat-transazzjonijiet intra-Komunitarji</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1912 tal-4 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward ta' ċerti eżenzjonijiet għat-transazzjonijiet intra-Komunitarji ĠU L 311, 7.12.2018, p. 10–12	12849/18	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar deroga tal-VAT għar-Renju Unit fir-rigward tal-iffissar tal-proporzjon tal-VAT relatat mal-ispiża tal-fjuwil użat għal raġunijiet privati f'karozzi tax-xogħol</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1918 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 311, 7.12.2018, p. 30–31	13816/18		
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Polonja biex tkompli teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx oġġet minn EUR 40 000</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 311, 7.12.2018, p. 32–33	13998/18		

<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lin-Netherlands biex teżenta mill-VAT lil persuna taxxabbli li l-fatturat annwali tagħha ma jkunx ogħla minn EUR 25 000</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 310, 6.12.2018, p. 25–26	13999/18
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil-Latvja biex tirrestrinġi d-dritt ta' tnaqqis tal-VAT fir-rigward ta' ċerti karozzi tal-passiġġieri</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1921 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/191/UE li tawtorizza lil-Latvja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 311, 7.12.2018, p. 36–37	14315/18
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li testendi d-deroga għal-Litwanja fir-rigward tad-determinazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1920 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 311, 7.12.2018, p. 34–35	14002/18
<i>Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Konklużjonijiet</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi),	15802/18
<i>Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa</i> <i>- Implimentazzjoni ta' impenji</i> Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa – Rapport mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) li jissuġġerixxi emendi għall-Anness II tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 ĠU C 441, 7.12.2018, p. 3–4	14380/18

<i>Konklużjonijiet dwar Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Ħasil tal-Flus</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus	14387/18
<i>Konklużjonijiet dwar il-Parti Preventiva (RS Nru 18/2018 tal-QEA)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-oġġettiv prinċipali tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir qiegħed jintlaħaq?"	15158/18
<i>Deċiżjoni/rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-patt ta' stabbiltà u tkabbir</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2020 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttieħdet mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 ĠU L 323, 19.12.2018, p. 16–17	14683/18
<i>Deċiżjoni/rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-patt ta' stabbiltà u tkabbir</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fir-Rumanija ĠU C 460, 21.12.2018, p. 1–3	14684/18
<i>Deċiżjoni/rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-patt ta' stabbiltà u tkabbir</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2028 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttieħdet mill-Ungerija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 ĠU L 325, 20.12.2018, p. 29–30	14685/18
<i>Deċiżjoni/rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-patt ta' stabbiltà u tkabbir</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 bil-għan li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-Ungerija ĠU C 460, 21.12.2018, p. 4–5	14686/18

It-3660 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur), li saret Brussell fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2018 dwar kooperazzjoni msaħħa kontra l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim ĠU C 466, 28.12.2018, p. 1–7	14152/1/18 REV 1

It-3661 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni) li saret Brussell fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2018

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2056 tas-6 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ĠU L 329, 27.12.2018, p. 1–2	14463/17	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
<i>Reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kiri bl-Ekwipaġġ (Wet-Lease)</i> Regolament (UE) 2019/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 jemenda r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità ĠU L 11, 14.1.2019, p. 1–2	61/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Kontra: UK

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra l-antisemitiżmu</i> Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-iżvilupp ta' approċċ komuni fil-qasam tas-sigurtà għal protezzjoni aħjar tal-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud fl-Ewropa	14966/18
<i>Konklużjonijiet dwar id-direzzjoni strateġika għas-sigurtà interna</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-direzzjoni strateġika futura fil-qasam tas-sigurtà interna	14806/18
<i>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp Alternattiv</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp Alternattiv: "Lejn Fehim Ġdid tal-Iżvilupp Alternattiv u Interventi Marbuta Miegħu ta' Politika dwar id-Drogi bl-Iżvilupp fil-Qalba Tagħhom – il-Kontribut għall-Implimentazzjoni ta' UNGASS 2016 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU"	14338/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Samoa mal-FSE Interim tal-Paċifiku</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1908 tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar l-adeżjoni tas-Samoa mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1–441	12281/18
<i>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali - "Promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku bit-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka" ĠU C 449, 13.12.2018, p. 6–9	15272/18

It-3662 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret Brussell fl-10 ta' Diċembru 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Eritrea - terminazzjoni tal-miżuri restrittivi - Deċiżjoni u Regolament</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1944 tal-10 ta' Diċembru 2018 li tħassar id-Deċiżjoni 2010/127/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Eritrea ĠU L 314, 11.12.2018, p. 60–60	14663/18
<i>Eritrea - terminazzjoni tal-miżuri restrittivi - Deċiżjoni u Regolament</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1932 tal-10 ta' Diċembru 2018 li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 667/2010 dwar ċerti miżuri restrittivi rigward l-Eritrea ĠU L 314, 11.12.2018, p. 8–8	14665/18
<i>Miżuri restrittivi kontra s-Somalja - traspożizzjoni ta' UNSCR 2444 (2018) - Deċiżjoni u Regolament</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1945 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 231/2074 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja ĠU L 314, 11.12.2018, p. 61–61	14668/18
<i>Miżuri restrittivi kontra s-Somalja - traspożizzjoni ta' UNSCR 2444 (2018) - Deċiżjoni u Regolament</i> Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2018/1933 tal-10 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja ĠU L 314, 11.12.2018, p. 9–10	ST/14670/18
<i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1940 tal-10 ta' Diċembru 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 314, 11.12.2018, p. 47–53	13868/18

<i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1931 tal-10 ta' Diċembru 2018 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 314, 11.12.2018, p. 1–7	13870/18
<i>Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna - deżinjazzjonijiet ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1930 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 313I, 10.12.2018, p. 5–7	14818/18
<i>Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna - deżinjazzjonijiet ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1929 tal-10 ta' Diċembru 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 313I, 10.12.2018, p. 1–4	14820/18
<i>Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-finanzjament komuni tal-iskjerament ta' Gruppi Tattiċi tal-UE</i> Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-finanzjament komuni tal-iskjerament ta' Gruppi Tattiċi tal-UE	15107/18
<i>Miżuri restrittivi kontra s-Sudan t'Isfel - Aġġornament tan-NU - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1946 tal-10 ta' Diċembru 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel ĠU L 314, 11.12.2018, p. 62–64	14923/18

<i>Miżuri restrittivi kontra s-Sudan t'Isfel - Aġġornament tan-NU - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1934 tal-10 ta' Diċembru 2018 li jimplimenta l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2015/735 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel ĠU L 314, 11.12.2018, p. 11–13	14924/18
<i>Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Indja</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Indja	14638/18
<i>Konklużjonijiet dwar il-Myanmar/Burma</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Myanmar/Burma	15033/18
<i>Konklużjonijiet dwar il-Libja</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja	15028/18
<i>Konklużjonijiet dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà	15086/18
<i>Missjoni tal-UE ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) - estensjoni - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1942 tal-10 ta' Diċembru 2018 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ĠU L 314, 11.12.2018, p. 56–57	14213/18
<i>Missjoni ta' taħriġ tal-UE fir-Repubblika Ċentru-Afrikana - pilastru tal-interoperabbiltà - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1941 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar missjoni ta' taħriġ militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 314, 11.12.2018, p. 54–55	14160/18

<i>Appoġġ għall-qerda tal-armi kimiċi Sirjani - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1943 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva ĠU L 314, 11.12.2018, p. 58–59	14276/18
<i>Appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1939 tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari ĠU L 314, 11.12.2018, p. 41–46	13494/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE dwar l-estensjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/28 tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni b'sentejn tal-Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan ĠU L 8, 10.1.2019, p. 27–29	14987/18

It-3663 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret Brussell fil-11 ta' Diċembru 2018**ATTI LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar it-tieni abbozz tal-baġit għall-2019</i> Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar it-tieni abbozz ta' baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 ĠU C 451, 14.12.2018, p. 2–2	15205/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur; ħlief: Astensjoni: UK

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**dwar approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru fil-ħtieġa li tiġi żgurata, fid-dawl tal-implimentazzjoni, il-progressjoni ordnata tal-pagamenti b'rabta mal-approprjazzjonijiet ta' impenn sabiex jiġi evitat kull livell anormali ta' fatturi mhux imħallsa fi tmiem is-sena.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jappellaw lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-programmi għall-2014-2020. Għal dak l-għan, jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta f'waqthom, ċifri aġġornati rigward l-istat ta' implimentazzjoni u stimi rigward ħtiġijiet ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2019.

Jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2019 ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ħtiġijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta mill-aktar fis possibbli soluzzjoni xierqa, fost l-oħrajn baġit emendatorju, bil-ħsieb li l-Awtorità Baġitarja tkun tista' tieħu fi żmien xieraq kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa għall-ħtiġijiet ġustifikati kif dovut. Fejn applikabbli, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu kont tal-urġenza tal-kwistjoni.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li t-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh jibqa' prijorità politika għolja u kondiviża u jirriaffermaw id-determinazzjoni tagħhom li jagħmlu l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi baġitarji biex tintlaħaq din il-mira, u b'mod partikolari permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI).

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu nota tal-esperjenza ta' qabel fil-kuntest taż-żieda tar-riżorsi tal-allokazzjoni speċifika għall-YEI, li tat bidu għal emendi estensivi għal programmi biex jipprovdu ammonti mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) biex jintlaħaq l-appoġġ mill-allokazzjoni speċifika tal-YEI.

Għalhekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġislattiva għal implimentazzjoni bla xkiel tar-riżorsi baġitarji miżjuda għall-YEI. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li jeżaminaw malajr din il-proposta, filwaqt li jitqiesu l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss, biex l-eżerċizzju ta' programmar mill-ġdid fl-2019 isir kemm jista' jkun bla xkiel.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

dwar l-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fl-importanza li tinbena ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Għal dan il-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jinvestu mill-inqas 20 % tal-baġit tal-UE f'nefqa relatata mal-klima matul il-perijodu 2014-20. Bħala medja - u għalkemm il-baġit 2019 waħdu jilħaq il-mira ta' 20 % - it-tbassir attwali għall-perijodu sħiħ 2014-20 jindika li 19.3 % tal-baġit tal-UE ser jiġi allokat għall-azzjoni klimatika, prinċipalment minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fil-bidu tal-perijodu.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu nota ta' din l-evoluzzjoni u jistiednu lill-Kummissjoni biex tagħmel kull sforz biex tintlaħaq il-mira ta' 20 % għall-perijodu 2014-20 kollu.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

dwar it-tisħiħ tas-subintestatura 1a permezz ta' baġit emendatorju

Minħabba d-disponibbiltajiet limitati tal-Istrument ta' Flessibbiltà u l-Marġini Globali għal Impenji, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jibbaġitjaw EUR 100 miljun f'baġit emendatorju fl-2019 sabiex jissaħħa l-programm Orizzont 2020 u Erasmus+. Il-Kummissjoni ser tippreżenta dan il-baġit emendatorju, li mhux ser jinkludi ebda element ieħor, hekk kif l-aġġustament tekniku tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2020 inkluż il-kalkolu tal-Marġini Globali għall-Impenji jitlesta fir-rebbiegħa tal-2019. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe korrezzjoni teknika normali li l-Kummissjoni ser tintalab tagħmel biex tiżgura l-eżekuzzjoni ordinata tal-baġit għall-2019.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr l-abbozz ta' baġit emendatorju għall-2019 imressaq mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni Unilaterali mir-Renju Unit

dwar il-finanzjament tal-baġit 2019 għal delegazzjonijiet futuri tas-SEAE fir-Renju Unit

Ir-Renju Unit (UK):

- jinnota li l-baġit tal-Unjoni għall-2019 maqbul jinkludi approprjazzjonijiet għall-finanzjament ta' delegazzjonijiet tas-SEAE prospettivi fir-Renju Unit, wara l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni; u
- jiddikjara li dan il-ftehim dwar il-baġit tal-Unjoni għall-2019 huwa kompletament mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pożizzjoni li r-Renju Unit jista' sussegwentement jieħu f'diskussjonijiet bilaterali bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni biex jintlaħaq qbil dwar l-istabbiliment ta' tali delegazzjonijiet.

Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) - impenn mill-ġdid tal-ammonti pendenti
Regolament (UE) 2018/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-impenn mill-ġdid tal-ammonti li jkun għad fadal li ġew impenjati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 jew l-allokazzjoni ta' dawk l-ammonti għal azzjonijiet oħra taħt il-programmi nazzjonali
ĠU L 328, 21.12.2018, p. 78–81

66/18

Maġġoranza
kwalifikata

L-Istati Membri kollha
favur, ħlief:
Kontra: HU, FI
Mhux qed jipparteċipaw:
DK, UK

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Il-Kunsill jiddikjara li l-ftehim tiegħu dwar l-impenn mill-ġdid jew it-trasferiment tal-ammonti li fadal taħt il-programmi nazzjonali tal-fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li b'mod eċċezzjonali jinvolti l-estensjoni tal-perijodu ta' diżimpenn u l-impenn mill-ġdid ta' ammonti, huwa dovut għaċ-ċirkostanzi partikolari ħafna u eċċezzjonali rigward l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni u mhux ser jikkostitwixxi preċedent minħabba li huwa limitat għal dan il-każ speċifiku rigward l-AMIF.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-indirizzar tal-problema tal-migrazzjoni fil-qalba tagħha teħtieġ approċċ ġdid kif stabbilit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018 sabiex jtkisser b'mod definittiv mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin, jiġu eliminati l-inċentivi li jsiru vjaġġi perikolużi u jitwaqqaf l-influss illegali ta' migranti.

L-allokazzjoni ta' mill-anqas 20 % tal-ammonti impenjati mill-ġdid għal darb'oħra għar-rilokazzjoni u risistemazzjoni mhux biss tmur kontra l-għanijiet ewlenin stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, iżda twassal għal effiċjenza baxxa bl-istess mod tal-implimentazzjoni u tista' sservi wkoll bħala fattur ta' attrazzjoni. L-Ungerija tixtieq ukoll tikkonferma mill-ġdid in-natura strettament volontarja tar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018; l-approċċ suġġerit tal-assenjazzjoni ta' 20 % tal-ammont impenjat mill-ġdid għal tali azzjonijiet għaldaqstant jidher ukoll li jikkontradixxi n-natura volontarja ta' dawn u dak li ntlaħaq qbil dwaru mill-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, jimponi penali finanzjarja de facto għal dawk l-Istati Membri, li – bl-għażla ħielsa ta' politika tagħhom – ma jimplimentawx rilokazzjonijiet jew risistemazzjonijiet.

Filwaqt li hemm diskrepanza finanzjarja fil-qasam tad-dimensjoni esterna, ma nistgħux nitilfu l-opportunità li niddedikaw kemm jista' jkun riżorsi disponibbli possibbli biex inlaħħqu ma' dawn il-ħtiġijiet. Għaldaqstant l-Ungerija hija determinata li tkompli u ssaħħa l-approċċ ġdid biex tevita ritorn għall-flussi mhux ikkontrollati tal-2015 u biex tkompli twaqqaf il-migrazzjoni illegali fuq ir-rotot eżistenti u emerġenti kollha. Għalhekk, l-Ungerija tfakkar fil-ħtieġa għal flessibilità sħiħa fl-allokazzjoni tal-ammonti li fadal.

Għaldaqstant l-Ungerija tiddikjara li ma tappoġġax il-proposta, speċjalment l-approċċ suġġerit li jiġu allokati tal-anqas 20 % tal-ammonti impenjati mill-ġdid għal azzjonijiet taħt il-programmi nazzjonali għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal risistemazzjoni jew ammissjonijiet umanitarji ad-hoc oħra, kif ukoll miżuri oħrajn ta' solidarjetà fir-rigward ta' miżuri oħrajn ta' solidarjetà fir-rigward tal-iżbarki fl-UE wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ.

Dikjarazzjoni mill-Finlandja

Il-Finlandja tixtieq tiddikjara li d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 li irrikjedew azzjonijiet fil-qasam tar-rilokazzjoni, u li l-finanzjament mill-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) oriġinarjament kien allokat għall-implimentazzjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet. Il-Finlandja jiddispjaċiha li l-għanijiet oriġinali tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ma ġewx irrispettati mill-Istati Membri kollha.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR)</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28–34	13422/18

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jqisu li l-arranġamenti integrati għar-Rispons għall-Kriżijiet Politiċi li ġew miftiehma fl-2013 jaħdmu sew, huma flessibbli u jippermettu l-kopertura ta' firxa wiesgħa ta' kriżijiet. Fin-nuqqas ta' rieżami li jindika n-nuqqasijiet, ma hemmx raġunijiet li jiġġustifikaw l-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-arranġamenti integrati tal-UE għar-Rispons għall-Kriżijiet Politiċi.

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jesprimu t-tħassib li l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill mhuwiex ibbażat fuq bażi legali adegwata, jirriskja li jnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tal-arranġamenti integrati għar-Rispons għall-Kriżijiet Politiċi, u jibdel l-impenji volontarji f'obbligi legali għall-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli.

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għalhekk jiddikjaraw li jikkunsidraw li din id-Deċiżjoni mhix vinkolanti fuq l-istituzzjoni u r-Rappreżentant Għoli u jirriżervaw id-drittijiet tagħhom.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li tipposponi l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe bidla li trid issir fl-arranġamenti, jekk ikun meħtieġ, abbażi tal-esperjenza mill-ewwel attivazzjoni matul il-kriżi tal-migrazzjoni/tar-refuġjati.

Sadanittant, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE ser ikomplu jsegwu l-impenji skont l-arranġamenti miftiehma fl-2013, inkluż dawk marbutin mal-preżentazzjoni ta' rapporti dwar Għarfien u Analiżi Integrati tas-Sitwazzjoni.

<i>Konklużjonijiet dwar suq intern imkabbar omoġġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumie x fl-UE</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar suq intern imkabbar omoġġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumie x fl-UE	15561/18
Dikjarazzjoni mill-Ungerija Filwaqt li l-Kunsill jilqa' l-progress li sar fin-negozjati dwar il-Memorandum ta' Qbil u l-iffirmar tiegħu bil-parti l-kbira tal-pajjiżi benefiċjarji għall-perijodu ta' finanzjament 2014-2021 fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, l-Ungerija tixtieq tiġbed l-attenzjoni li dawn in-negozjati għadhom għaddejjin mal-Ungerija. In-negozjati kienu nbdew fl-2016 man-Norveġja sabiex jintlaħaq Memorandum ta' Qbil, fejn in-Norveġja wriet il-kostruttività u r-rieda li ssib soluzzjoni bilanċjata sew f'dak iż-żmien. Il-mekkaniżmi finanzjarji li jiġu pprovduti bla kondizzjonijiet lill-Istati Membri għandhom jirriflettu l-benefiċċji li n-Norveġja tiegħu mill-parteċipazzjoni tagħha fis-suq intern tal-Unjoni Ewropea mkabbra. Minkejja l-ħafna konċessjonijiet mogħtija fil-livelli nazzjonali u tal-UE lin-Norveġja, l-Ungerija hija tal-fehma li l-istess impenn u rieda huma nieqsa fil-pajjiż sieħeb sabiex tiġi konkluża Memorandum ta' Qbil raġonevoli. L-Ungerija tissottolinja l-ħtieġa li biex jintlaħaq ftehim dwar Memorandum ta' Qbil, tinħtieġ ir-rieda tal-pajjiż sieħeb li qed jinnegozja - abbażi tal-prinċipji ta' sħubija ugwali. Minkejja dan kollu ta' hawn fuq, l-Ungerija ma tridx tostakola l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill u għalhekk tista' taċċetta t-test.	
<i>Konklużjonijiet dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika	15187/18
<i>Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għat-tisħiħ ta' programmi ewlenin għall-kompetittività tal-UE u għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati it-theddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tas-sigurtà</i> Deċiżjoni (UE) 2019/276 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għat-tisħiħ ta' programmi ewlenin għall-kompetittività tal-UE u għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati it-theddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tas-sigurtà ĠU L 54, 22.2.2019, p. 3–4	15206/18

<i>Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fl-2019</i> Deċiżjoni (UE) 2019/277 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2019 ĠU L 54, 22.2.2019, p. 5–5	15208/18
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil-Latvja tapplika mekkaniżmu ta' reverse charge fuq transazzjonijiet marbuta mal-injam</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2006 tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 322, 18.12.2018, p. 20–21	14473/18
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kroazja tillimita d-dritt għat-tnaqqis tal-VAT fir-rigward ta' ċerti karożżi tal-passiġġieri</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994 tal-11 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lill-Kroazja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 320, 17.12.2018, p. 35–37	14474/18
<i>Konklużjonijiet dwar l-assorbiment u r-riżultati tal-programmi fil-perijodu 2007-2013 (RS Nru 17/2018 mill-QEA)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-aħħar snin tal-programmi għall-perjodu 2007-2013 indirizzaw l-assorbiment baxx iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati	14461/18
<i>Konklużjonijiet dwar l-orjentazzjoni tar-riżultati tal-proġetti tal-FEŻR u l-FSE fl-2014-2020 (RS Nru 21/2018 tal-QEA)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-għażla u l-monitoraġġ ta' proġetti taħt il-FEŻR u l-FSE fil-perijodu 2014-2020 għadhom prinċipalment orjentati lejn l-outputs	14933/18

<i>Regolament tal-Kunsill li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2019-2020</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977 tal-11 ta' Diċembru 2018 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2019-2020 ĠU L 317, 14.12.2018, p. 2-8	14460/18
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, il-Ġermanja u l-Iżvezja Filwaqt li jirrikonoxxu li l-kwota fuq l-arangi (nru 09.2792) fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2265 tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar l-ATQs mhijiex inkluża fir-Regolament tal-Kunsill għall-perijodu 2019-2020 dwar l-ATQs. Filwaqt li jieħdu nota li r-raġuni għan-nuqqas ta' inklużjoni ta' din il-kwota huwa li l-ħtiġijiet tal-industrija tal-ipproċessar huma meqjusa li ġew issodisfati minn żewġ kwoti tariffarji tal-Unjoni bla dazju bejn l-UE u n-Norveġja. Filwaqt li jirrikonoxxu li l-ikbar kwota tariffarja mingħajr dazju tal-Unjoni għall-arangi, imħawra u/jew ippriżervati fil-ħall, fis-salmura, bejn l-UE u n-Norveġja tiskadi kmieni fl-2021, li kważi tikkoinċidi mal-iskadenza tar-Regolament ATQ fi tmiem l-2020. Dan joħloq ir-riskju ta' inċertezza u imprevedibbiltà għall-industrija tal-ipproċessar tal-UE li hija dipendenti fuq l-importazzjoni għal dan il-prodott. Filwaqt li jtennu l-għan tar-Regolament ATQ li jiżgura provvista adegwata għall-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni kif ukoll ċertezza u prevedibbiltà għall-operaturi tal-UE <i>Jirrikonoxxu li għandhom jitqiesu bidliet possibbli tal-preferenzi kummerċjali għal Regolament potenzjalment ġdid dwar l-ATQ għall-perijodu wara l-2020.</i>	
Dikjarazzjoni mill-Ġermanja Il-fehim Ġermaniż tal-kwota nru 09.2750 – Bajd iebes tal-ħut, maħsul, imnaddaf mill-organi aderenti u sempliċiment immellaħ jew fis-salmura, għall-ipproċessar ta' sostitut tal-kavjar Il-Ġermanja tista' taċċetta l-kwota nru 09.2750 fuq bajd iebes tal-ħut kif stipulata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Kunsill 13323/1/18 REV 1 bil-fehim li l-prodott ikun identiku għall-kwota nru 09.2750 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2665 tas-7 ta' Diċembru 2015 u li l-bidla fil-kodiċi NM hija ta' natura teknika.	

It-3664 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura) li saret fi Brussell fis-17 u t-18 ta' Diċembru 2018

ATTI LEĖISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Kummerċ f'ċerti prodotti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali (kodifikazzjoni)</i> Regolament (UE) 2019/125 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra ĠU L 30, 31.1.2019, p. 1–57	59/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
<i>Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 168/2013 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli</i> Regolament (UE) 2019/129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 168/2013 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-istadju Euro 5 għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli ĠU L 30, 31.1.2019, p. 106–111	65/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĖISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
<i>Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020 ĠU L 325, 20.12.2018, p. 7–17		14418/18	

Dikjarazzjoni Konġunta minn Franza u Spanja

fuq il-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 6-8

Il-parir xjentifiku tal-ICES jistabbilixxi li l-istokk tal-paġella ħamra fiż-żoni 6-8 huwa serjament eżawrit u jagħti parir li ma għandu jinqabad xejn minn dan l-istokk fl-2019 u l-2020. Sa mill-2014 il-parir tal-ICES kien li titnaqqas il-mortalità b'kull mezz possibbli, bil-għan tar-rikostituzzjoni tal-istokk, u biex jiġi evitat kollass ulterjuri. L-ICES jirrakkomanda wkoll li jittieħdu miżuri biex jiġi protett il-ħut li għadu qed jikber.

Sal-1 ta' Marzu 2019, b'kont meħud tal-ispeċifitàjiet nazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati qed jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw pjani nazzjonali kkoordinati neċessarji għar-rikostituzzjoni tal-istokk tal-paġella ħamra fis-subżoni 6-8 tal-ICES, b'mod partikolari permezz ta' miżuri bħal li:

- Jingħalqu għal sajd kummerċjali u rikreattiv iż-żoni tas-sajd fejn ikun hemm ħut li għadu qed jikber abbażi ta' evidenza xjentifika, kif identifikat mill-Istati Membri;
- Jiżdied id-daqs minimu għal 35cm, bħala inċentiv biex jiġi evitat li tinqabad il-paġella ħamra li ma laħqitx id-daqs li timmatura f'sess femminil;
- Jiġu ffissati l-limiti tal-qabdiet għal kull bastiment u vjaġġ biex jiġi żgurat li l-paġella ħamra tinqabad biss bħala qabda aċċessorja;
- Jitwettaq proġett ta' riċerka xjentifika bil-għan li jinstabu modi kif jiġi evitat li tinqabad il-paġella ħamra li għadha qed tikber fil-konzizzjoni u minn flotot oħra tat-tkarkir bid-diriġenti li jgħoddu bħala l-akbar parti tal-qabdiet. Dan il-proġett, kif rakkomandat mill-STECEF, għandu jinkludi t-titjib tal-għarfien bijoloġiku dwar ir-riproduzzjoni tal-ispeċi u l-istadji ta' maturazzjoni u jaġġorna l-estimi tad-daqs/l-età fil-ħin ta' maturazzjoni f'sess maskil jew femminil, id-daqs waqt il-bidla tas-sess u l-proporzjon ta' individwi gonokoriċi.

Il-pjani nazzjonali kkoordinati msemmija hawn fuq ser jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu 2019 u ser jiġu vvalutati mill-STECEF, sabiex ikun żgurat li l-pjan ikun komprensiv u effettiv. Jekk il-valutazzjoni tal-STECEF turi li jkunu meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat titjib fl-istat tal-istokk, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jirvedu dan il-pjan u l-miżuri nazzjonali rilevanti fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-STECEF. Il-miżuri li ssemew hawn fuq jistgħu, skont il-każ, jiġu inklużi fir-rakkomandazzjonijiet konġunti tal-Gruppi tal-Istati Membri rilevanti.

L-Istati Membri kkonċernati ser jiftiehm u dwar il-ħtieġa ta' tpartit ta' kwoti sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kwoti "limitanti".

Dikjarazzjoni Konġunta minn Spanja u l-Portugall

fuq il-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 9

Spanja u l-Portugall ser jiftiehm u dwar tpartit neċessarju ta' kwoti għall-paġella ħamra fis-subżona 9 tal-ICES sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kwoti "limitanti".

Dikjarazzjoni Konġunta minn Spanja u l-Portugall**fuq il-fonsa ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 3-10, 12 u 14**

Spanja u l-Portugall ser jiftiehem dwar tpartit neċessarju ta' kwoti għall-fonsa ħamra fis-subżoni 3-10, 12 u 14 tal-ICES sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kwoti "limitanti".

Dikjarazzjoni mid-Danimarka**fuq il-grenadier imnieħru tond fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 3**

Id-Danimarka tappoġġa l-kompromess tal-Presidenza għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u l-2020. Huwa importanti li tiġi żgurata protezzjoni effettiva ta' stokkijiet vulnerabbli ta' ħut tal-baħar fond.

Wara l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, huwa importanti li jiġi evitat li stokk jiżviluppa fi speċi bi kwota limitanti. Għal din ir-raġuni, id-Danimarka insistiet għal soluzzjoni fit-tul għall-grenadier imnieħru tond fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3. Id-Danimarka tirrikonoxxi li għalissa l-grenadier imnieħru tond f'din iż-żona probabbilment mhux ser ikun speċi bi kwota limitanti. Madankollu, jekk tinqala' xi problema fl-2019 jew l-2020, id-Danimarka għandha tappella għal soluzzjoni rapida.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**dwar it-tħassir tat-TACs għal speċijiet tal-baħar fond**

Fejn fl-opportunitajiet tas-sajd fil-baħar fond għall-2019-2020 it-TACs tħassru, bħal fil-każ tal-lipp abjad fiż-żoni 1-10, 12, tal-grenadier imnieħru tond fiż-żoni 1, 2, 4 u taċ-ċinturin iswed fiż-żoni 1-4, il-Kummissjoni ser tkompli tagħmel monitoraġġ tal-iżvilupp ta' dawn l-istokkijiet fid-dawl tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli.

Regolament tal-Kunsill li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed
Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2058 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed
ĠU L 329, 27.12.2018, p. 8–12

14292/18

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija u mir-Rumanija

Il-Bulgarija u r-Rumanija, fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed u filwaqt li għarfu l-importanza li titkompla l-implimentazzjoni ta' sistema robusta ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza biex l-użu tar-riżorsi tas-sajd tal-baħar ikun sostenibbli fil-Baħar l-Iswed, qed jieħdu l-impenn:

1. Li jsegwu u jkomplu jimplimentaw:

a) Is-sajd tal-barbun imperjali

- li jinżammu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-barbun imperjali ta' 116 għall-Bulgarija u ta' 53 għar-Rumanija u l-allokazzjoni minima għal kull bastiment,
- li jiġi stabbilit l-għadd rispettiv tagħhom ta' portijiet magħżula għal ħatt l-art, 8 għall-Bulgarija u 13 għar-Rumanija, għas-simplifikazzjoni tal-kontroll ta' ħatt l-art,
- li titkompla l-politika stretta għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet kollha, inkluż dawk ta' anqas minn 50 kg, fil-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet ta' ħatt u n-noti tal-bejgħ korrispondenti tal-bastimenti awtorizzati kollha,
- li jinżammu, tal-anqas fil-livell tal-2018, l-għadd ta' spezzjonijiet tas-suq u ta' spezzjonijiet fuq il-baħar, inkluż matul l-istaġun magħluq, abbażi ta' metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju u skeda ta' żmien maqbula mal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA),
- li jinżammu jew jiżdiedu fl-2019 l-azzjonijiet konġunti ta' spezzjoni taħt il-koordinazzjoni tal-EFCA, inkluż kontrolli fuq il-baħar, waqt ħatt l-art, fis-swieq kif ukoll il-monitoraġġ tat-trasport tal-ħut bit-triq,
- li jkun hemm monitoraġġ tal-qbid skartat fis-sajd tar-*Rapa whelk*, sabiex jiġi vvalutat l-impatt fuq il-barbun imperjali ta' età żgħira, f'kumplimentarjetà mad-dispożizzjonijiet tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-GFCM għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed,
- li jiżdied b'10 % il-kontroll fuq il-baħar tal-implimentazzjoni tal-immarkar u l-identifikazzjoni tal-irkaptu statiku skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea,
- li jiġu sorveljati statistikament l-importazzjonijiet/esportazzjonijiet tal-barbun imperjali lejn u mill-Unjoni Ewropea,
- li jkun hemm ħidma mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 (Pjan ta' Azzjoni Pluriennali għall-barbun imperjali) kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meqjusa meħtieġa biex tindirizza r-rappurtar ħażin, is-sajd IUU għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed u l-kummerċjalizzazzjoni tal-qabdiet illegali mwettqa fir-reġjun.

b) Sajd tal-mazzola griża

- li fl-2019 il-qabdiet rispettivi tagħhom tal-mazzola griża jinżammu fil-livell tal-qabdiet tagħhom għall-2015, u li kull tliet xhur jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet meħuda biex jintlaħaq dan l-oġettiv,
- li titkompla l-implimentazzjoni tal-politika stretta adottata fl-2016 għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet kollha, inkluż dawk ta' anqas minn 50 kg, fil-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt u n-noti tal-bejgħ korrispondenti tal-bastimenti awtorizzati kollha kif ukoll bastimenti b'qabdiet aċċessorji tal-mazzola.
- li jitkompla t-titjib fil-għbir tad-data dwar il-mazzola, il-qabdiet u l-qabdiet aċċessorji, u li d-data ssir disponibbli.

2. Reġistrazzjoni tal-qabdiet

Li tiġi indirizzata kif adatt kwalunkwe dgħufija fis-sistema tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet identifikata fl-awditi reċenti mis-servizzi tal-Kummissjoni, biex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u l-Kummissjoni

dwar kwistjonijiet ta' kontroll

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu bħala prijorità għolja li tiġi indirizzata l-eżistenza endemika ta' sajd IUU għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fiż-żona ta' applikazzjoni tal-GFCM u tal-l-iskema pilota konġunta ta' kontroll u spezzjoni fil-kuntest tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed.

Il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ għandhom tal-anqas jinżammu jew jiżdiedu aktar, kif stipulat fid-dikjarazzjoni mill-Bulgarija u r-Rumanija. L-Istati Membri rilevanti għandhom jiddedikaw l-isforzi u r-riżorsi meħtieġa biex isaħħu s-sistemi ta' kontroll tagħhom u jiżguraw l-effikaċja tal-miżuri li ġew deċiżi.

Barra minn hekk, l-UE ser tfittex li tiżgura li l-GFCM tagħti attenzjoni partikolari lill-konformità sħiħa tal-Partijiet Kontraenti tagħha u l-Partijiet mhux Kontraenti li Jikkooperaw biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali biex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat fil-Baħar l-Iswed, biex jimplimentaw l-istrateġija ta' nofs it-terminu 2017-2020 adottata mill-GFCM fl-2016, id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Sofija ffirmata mill-Ministri għas-Sajd fil-Baħar l-Iswed f'Ġunju 2018 u l-proġett Blacksea4fish f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Bucharest.

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għal politiki, programmi u azzjonijiet li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi ta' kalibru żgħir u l-użu ħażin tagħhom</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2011 tas-17 ta' Diċembru 2018 b'appoġġ għal politiki, programmi u azzjonijiet li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi ta' kalibru żgħir u l-użu ħażin tagħhom, f'konformità mal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà ĠU L 322, 18.12.2018, p. 38–50	14645/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Missjoni tal-UE ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (EUBAM) fil-Libja</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2009 tas-17 ta' Diċembru 2018 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) ĠU L 322, 18.12.2018, p. 25–26	14056/18
<i>Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2012 tas-17 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 322, 18.12.2018, p. 51–52	14809/18
<i>Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2004 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 322, 18.12.2018, p. 12–13	14811/18
<i>Missjoni EUCAP Sahel Mali - estensjoni bla spejjeż - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2008 tas-17 ta' Diċembru 2018 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) ĠU L 322, 18.12.2018, p. 24–24	14673/18

<i>Operazzjoni Atalanta - trasferiment tal-informazzjoni u aġġornament tan-NU - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2007 tas-17 ta' Diċembru 2018 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ĠU L 322, 18.12.2018, p. 22-23	14703/18
<i>Ġlieda kontra l-Proliferazzjoni Illeċita u t-Traffikar ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-Munizzjon u l-Impatt tagħhom fl-Amerka Latina u l-Karibew fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir illeċiti u l-Munizzjoni tagħhom "Aktar Sigurtà fuq l-Armi biex Nipproteġu liċ-Ċittadini" - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2010 tas-17 ta' Diċembru 2018 b'appoġġ għall-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' Armi Ħfief, ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-Munizzjon u l-Impatt tagħhom fl-Amerka Latina u l-Karibew fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjoni tagħhom "Aktar Sigurtà fuq l-Armi Biex Nipproteġu liċ-Ċittadini" ĠU L 322, 18.12.2018, p. 27-37	14502/18
It-3665 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Trasport, Telekomunikazzjoni u <u>Enerġija</u>) li saret Brussell fid-19 ta' Diċembru 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-baġit 2019 li għandha tiġi adottata mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/3 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti materji baġitarji b'rabta mal-implimentazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ĠU L 1, 3.1.2019, p. 1-4	15204/18

It-3666 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ambjent) li saret Brussell fl-20 ta' Diċembru 2018

ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Mekkaniżmu tar-Reverse Charge Ġeneralizzat tal-VAT għall-prodotti u s-servizzi</i> Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/2057 tal-20 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-applikazzjoni temporanja ta' mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat b'rabta mal-provvisti ta' merkanzija u servizzi 'l fuq minn ċertu livell limitu ĠU L 329, 27.12.2018, p. 3-7	12852/18	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
<i>Regolament dwar is-CEDEFOP</i> Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90-105	64/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li fuq diversi punti l-koleġislaturi ddeċidew jiddevjaw mill-Approċċ Komuni tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012, mingħajr ma pprovdew il-ġustifikazzjoni meħtieġa.

It-tħassir tal-klawżola ta' estinzjoni/rieżami mhuwiex konformi mal-Approċċ Komuni. Madankollu, in-nuqqas tal-klawżola ta' estinzjoni fir-Regolamenti ta' Twaqqif mhu ser jaffettwa bl-ebda mod id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar id-devjazzjoni mill-Approċċ Komuni fir-rigward tal-proċess għat-twettiq ta' evalwazzjoni ġenerali tal-Aġenzija u tirreferi għall-ħtieġa tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-Membri tal-Parlament u tal-Bord ta' Tmexxija, waqt l-evalwazzjoni tal-ħidma tal-aġenziji. Il-Kummissjoni tfakkar li tali evalwazzjonijiet iridu jitwettqu b'indipendenza sħiħa. Fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni ser tapplika l-prattiki normali tagħha għall-attivitajiet ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-impatt tad-devjazzjonijiet mill-Approċċ Komuni dwar il-funzjonament tal-aġenziji tripartitiċi fil-mument opportun. Dawn m'għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal aġenziji oħra.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-funzjoni ta' Viċi Direttur fir-Regolament li Waqqaf il-Eurofound. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li, minħabba d-daqs ta' din l-Aġenzija, din id-dispożizzjoni hija sproporzjonata.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza wkoll li issa hija r-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv li jiddeċiedi dwar l-istrutturi interni ta' kull Aġenzija u tas-CEDEFOP biex jiddefinixxi l-arranġamenti meħtieġa għad-delega ta' deputati biex jiżguraw il-kontinwità tas-servizz.

Dikjarazzjoni mill-Italja

L-Italja kienet fost id-delegazzjonijiet l-aktar attivi matul in-negozjati fil-Kunsill dwar it-tliet fajls u kkontribwiet għall-kisba tal-Approċċ Ġenerali f'Diċembru 2016.

L-Italja kkontribwiet b'mod pożittiv ukoll matul it-trilogi, billi wriet flessibbiltà lejn it-talbiet tal-Parlament Ewropew, waqt li żammet mal-ispirtu tal-Approċċ Ġenerali fil-Kunsill.

Filwaqt li kkunsidrajna l-Approċċ Komuni tal-2012 u n-natura tripartitika tat-tliet aġenziji, ippruvajna nżommuhom kemm jista' jkun possibbli omoġenji, f'termini ta' governanza u regoli.

Il-ħatra ta' Viċi Direttur mid-Direttur Eżekuttiv għall-Eurofound u s-Cedefop - l-ewwel wieħed fuq bażi obligatorja, it-tieni wieħed fuq bażi volontarja - mhix konsistenti mar-rwol strateġiku tal-Bord ta' Tmexxija, li huwa l-Awtorità tal-Ħatra fit-tliet Aġenziji.

Għal din ir-raġuni, mingħajr ma nopponu l-ftehim, nesprimu d-dispjaċir kbir tagħna.

<i>Regolament dwar l-UE-OSHA</i> Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58-73	62/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
--	-------	------------------------	------------------------------

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li fuq diversi punti l-koleġislaturi ddeċidew jiddevjaw mill-Approċċ Komuni tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012, mingħajr ma pprovdew il-ġustifikazzjoni meħtieġa.

It-tħassir tal-klawżola ta' estinzjoni/rieżami mhuwiex konformi mal-Approċċ Komuni. Madankollu, in-nuqqas tal-klawżola ta' estinzjoni fir-Regolamenti ta' Twaqqif mhu ser jaffettwa bl-ebda mod id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar id-devjazzjoni mill-Approċċ Komuni fir-rigward tal-proċess għat-twettiq ta' evalwazzjoni ġenerali tal-Aġenzija u tirreferi għall-ħtieġa tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-Membri tal-Parlament u tal-Bord ta' Tmexxija, waqt l-evalwazzjoni tal-ħidma tal-aġenziji. Il-Kummissjoni tfakkar li tali evalwazzjonijiet iridu jitwettqu b'indipendenza sħiħa. Fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni ser tapplika l-prattiki normali tagħha għall-attivitajiet ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-impatt tad-devjazzjonijiet mill-Approċċ Komuni dwar il-funzjonament tal-aġenziji tripartitiċi fil-mument opportun. Dawn m'għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal aġenziji oħra.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-funzjoni ta' Viċi Direttur fir-Regolament li Waqqaf il-Eurofound. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li, minħabba d-daqs ta' din l-Aġenzija, din id-dispożizzjoni hija sproorzjonata.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza wkoll li issa hija r-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv li jiddeċiedi dwar l-istrutturi interni ta' kull Aġenzija u tas-CEDEFOP biex jiddefinixxi l-arranġamenti meħtieġa għad-delega ta' deputati biex jiżguraw il-kontinwità tas-servizz.

Dikjarazzjoni mill-Italja

L-Italja kienet fost id-delegazzjonijiet l-aktar attivi matul in-negozjati fil-Kunsill dwar it-tliet fajls u kkontribwiet għall-kisba tal-Approċċ Ġenerali f'Diċembru 2016.

L-Italja kkontribwiet b'mod pożittiv ukoll matul it-trilogi, billi wriet flessibbiltà lejn it-talbiet tal-Parlament Ewropew, waqt li żammet mal-ispirtu tal-Approċċ Ġenerali fil-Kunsill.

Filwaqt li kkunsidrajna l-Approċċ Komuni tal-2012 u n-natura tripartitika tat-tliet aġenziji, ippruvajna nżommuhom kemm jista' jkun possibbli omoġenji, f'termini ta' governanza u regoli.

Il-ħatra ta' Viċi Direttur mid-Direttur Eżekuttiv għall-Eurofound u s-Cedefop - l-ewwel wieħed fuq bażi obligatorja, it-tieni wieħed fuq bażi volontarja - mhix konsistenti mar-rwol strateġiku tal-Bord ta' Tmexxija, li huwa l-Awtorità tal-Ħatra fit-tliet Aġenziji.

Għal din ir-raġuni, mingħajr ma nopponu l-ftehim, nesprimu d-dispjaċir kbir tagħna.

<i>Regolament dwar l-Eurofound</i> Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74-89	63/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li fuq diversi punti l-koleġislaturi ddeċidew jiddevjaw mill-Approċċ Komuni tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012, mingħajr ma pprovdew il-ġustifikazzjoni meħtieġa. It-tħassir tal-klawżola ta' estinzjoni/rieżami mhuwiex konformi mal-Approċċ Komuni. Madankollu, in-nuqqas tal-klawżola ta' estinzjoni fir-Regolamenti ta' Twaqqif mhu ser jaffettwa bl-ebda mod id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar id-devjazzjoni mill-Approċċ Komuni fir-rigward tal-proċess għat-twettiq ta' evalwazzjoni ġenerali tal-Aġenzija u tirreferi għall-ħtieġa tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-Membri tal-Parlament u tal-Bord ta' Tmexxija, waqt l-evalwazzjoni tal-ħidma tal-aġenziji. Il-Kummissjoni tfakkar li tali evalwazzjonijiet iridu jitwettqu b'indipendenza sħiħa. Fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni ser tapplika l-prattiki normali tagħha għall-attivitajiet ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-impatt tad-devjazzjonijiet mill-Approċċ Komuni dwar il-funzjonament tal-aġenziji tripartitiċi fil-mument opportun. Dawn m'għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal aġenziji oħra. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-funzjoni ta' Viċi Direttur fir-Regolament li Waqqaf il-Eurofound. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li, minħabba d-daqs ta' din l-Aġenzija, din id-dispożizzjoni hija sproporzjonata. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza wkoll li issa hija r-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv li jiddeċiedi dwar l-istrutturi interni ta' kull Aġenzija u tas-CEDEFOP biex jiddefinixxi l-arranġamenti meħtieġa għad-delega ta' deputati biex jiżguraw il-kontinwità tas-servizz.			

Dikjarazzjoni mill-Italja

L-Italja kienet fost id-delegazzjonijiet l-aktar attivi matul in-negozjati fil-Kunsill dwar it-tliet fajls u kkontribwiet għall-kisba tal-Approċċ Ġenerali f'Diċembru 2016.

L-Italja kkontribwiet b'mod pożittiv ukoll matul it-trilogi, billi wriet flessibbiltà lejn it-talbiet tal-Parlament Ewropew, waqt li żammet mal-ispirtu tal-Approċċ Ġenerali fil-Kunsill.

Filwaqt li kkunsidrajna l-Approċċ Komuni tal-2012 u n-natura tripartitika tat-tliet aġenziji, ippruvajna nżommuhom kemm jista' jkun possibbli omoġenji, f'termini ta' governanza u regoli.

Il-ħatra ta' Viċi Direttur mid-Direttur Eżekuttiv għall-Eurofound u s-Cedefop - l-ewwel wieħed fuq bażi obligatorja, it-tieni wieħed fuq bażi volontarja - mhix konsistenti mar-rwol strateġiku tal-Bord ta' Tmexxija, li huwa l-Awtorità tal-Ħatra fit-tliet Aġenziji.

Għal din ir-raġuni, mingħajr ma nopponu l-ftehim, nesprimu d-dispjaċir kbir tagħna.

<i>Reviżjoni tad-Direttiva dwar karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (it-tieni sett)</i> Direttiva (UE) 2019/130 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 30, 31.1.2019, p. 112-120	60/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur; ħlief: Kontra: UK
---	-------	------------------------	--

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jappoġġa bis-sħiħ id-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol u l-proċess ta' ffissar tal-limiti tal-Kummissjoni, li jinvolti proċess ta' valutazzjoni bir-reqqa li jikkunsidra fatturi xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi u l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, inkluż is-sħab soċjali.

Ir-Renju Unit jirrikonoxxi l-punti ta' tħassib leġittimi li jeżistu rigward l-esponiment għall-emissjonijiet tal-egżost mill-magni diżil u l-esponiment għal dawn l-emissjonijiet ilu soġġett għal kontrolli fir-Renju Unit għal aktar minn 20 sena. Madankollu, limiti vinkolanti ta' esponiment okkupazzjonali għandhom jiġu inklużi biss fid-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni ladarba jkunu temmew b'suċċess il-proċess ta' ffissar tal-limiti. Ir-Renju Unit jiddispjaċih li dan il-proċess ma kienx segwit fl-iffissar ta' limitu vinkolanti ta' esponiment okkupazzjonali għal karbonju elementali bħala markatur għal emissjonijiet tal-egżost mill-magni diżil. Filwaqt li r-Renju Unit jibqa' jappoġġa azzjoni li tindirizza l-esponiment għall-emissjonijiet tal-egżost mill-magni diżil, aħna ma nistgħux nappoġġaw il-mod li bih dan il-limitu ġie stabbilit u għalhekk ma nistgħux nappoġġaw din il-bidla għad-Direttiva.

<i>Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip fil-kuntest tal-Brexit</i> Regolament (UE) 2019/26 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Jannar 2019 li jikkomplementa l-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 8I , 10.1.2019, p. 1–7	67/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur; ħlief: Astensjoni: DE
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
<i>Konklużjonijiet dwar it-Tniġġis tal-arja (RS Nru 23/2018 tal-QEA)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu ""It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed"		15782/18	

<i>Regolament dwar il-kwoti għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2070 tal-20 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 331, 28.12.2018, p. 197-209	13271/18
<i>Regolament dwar is-sospensjonijiet fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2069 tal-20 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 331, 28.12.2018, p. 4-196	15345/18
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Belġju jeżenta lil ċerti persuni taxxabbli mill-VAT</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2077 tal-20 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 331, 28.12.2018, p. 222-223	14616/18
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Ġermanja testendi deroga fir-rigward tal-VAT imġarrba fuq ċerti prodotti u servizzi</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2060 tal-20 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/791/KE li tawtorizza lill-Ġermanja biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 329, 27.12.2018, p. 20-21	14617/18
<i>Aġġornament taċ-ċifri tal-popolazzjoni tal-Unjoni - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/2076 tal-20 ta' Diċembru 2018 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ĠU L 331, 28.12.2018, p. 218-221	15270/18

<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Portugall, kooperazzjoni tal-pulizija</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tar-Repubblika Portugiża dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija	14932/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Żvezja, Fruntiera Esterna</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet serji identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna	14930/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Norveġja, ritorn</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	14889/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Netherlands, fruntiera esterna</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tan-Netherlands dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna (Punti ta' Qsim tal-Fruntiera EUROPOORT, Hoek van Holland, Rotterdam L-Ajruport ta' the Hague u ċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni)	14891/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Latvja, politika dwar il-viżi</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Latvja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	14887/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Spanja, kooperazzjoni tal-pulizija</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tar-Renju ta' Spanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija	14936/18

<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Żvizzera, kooperazzjoni tal-pulizija</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija	14928/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim ma' Antigua u Barbuda</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/75 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Antigua u Barbuda li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Antigua u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 1-3	12383/17
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Antigua u Barbuda li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Antigua u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 4-7	12382/17
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim mal-Barbados</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/76 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Barbados li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 8-10	12386/17
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Barbados li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 11-14	12385/17
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim mal-Commonwealth tal-Bahamas</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/77 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 15-17	12389/17

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perjodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 18-21	12388/17
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim mal-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/80 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 36-38	12393/17
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 39-42	12391/17
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim mar-Repubblika ta' Mauritius</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/78 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 22-24	12396/17
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 25-28	12395/17

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim mar-Repubblika tas-Seychelles</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/79 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 29-31	12399/17
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 18, 21.1.2019, p. 32-35	12398/17
<i>Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari tal-UE"</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali Nru 14/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari tal-UE: jeħtieġ li jsir aktar progress"	15766/18
<i>Konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1907 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ĠU L 330, 27.12.2018, p. 1-2	7964/18
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ĠU L 330, 27.12.2018, p. 3-899	7965/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati dwar l-Artikolu XXVIII mal-Iżvizzera dwar il-laħam imħawwar</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżvizzera skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 għal ftehim dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO tal-Iżvizzera dwar il-laħam imħawwar, mhux ippreparat mod ieħor	14471/18

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza negozjati biex tiġi emendata l-kwota tariffarja għal-laħam tat-tjur stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Ukrajna</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/52 tal-20 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għal ftehim li jemenda l-kwota tariffarja eżistenti għal-laħam tat- tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur u li jemenda r-reġim tariffarju eżistenti għal qatgħat tat- tjur oħra, stabbiliti fl-Anness I-A għall-Kapitolu 1 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ĠU L 10, 14.1.2019, p. 62-63	15078/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-COP tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam fir-rigward tal-konformità</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/53 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam rigward il-proċeduri ta' konformità ĠU L 10, 14.1.2019, p. 64-70	15143/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Awtorità Palestinjana</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/222 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana (AP) tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP ĠU L 35, 7.2.2019, p. 32-34	15113/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/105 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael ĠU L 21, 24.1.2019, p. 64-65	15114/18

Proċeduri bil-miktub li tlestew fil-21 ta' Diċembru 2018**ATTI MHUX LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2054 tal-21 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma ĠU L 327I , 21.12.2018, p. 5–8	15036/18
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2078 tal-21 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina ĠU L 331, 28.12.2018, p. 224-224	15262/18